MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 155/2006

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Rita Borg I.D. 566980 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Frar 2006, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet mija u sitta u sittin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm366.48) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghaxijiet u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tliet mija u sitta u sittin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm366.48), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------